



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2015
COM(2015) 208 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**Id-Disa' Rapport Annwali tal-2014 dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza Komunitarja
skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi
strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-
komunità Turko-Ċiprijotta**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Id-Disa' Rapport Annwali tal-2014 dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza Komunitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal- komunità Turko-Ċiprijotta

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006¹ (ir-“Regolament dwar l-Għajnuna”) huwa l-bażi għall-assistenza lill-komunità Turko-Ċiprijotta (KTC) u jirrikjedi rapportar annwali lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport ikopri s-sena 2014.

2. L-IPPROGRAMMAR TAL-ASSISTENZA

Bejn l-2006 u l-aħħar tal-2014, ġew ipprogrammati EUR 370 miljun għal operazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna. L-ammont tal-programm annwali tal-2014 kien ta' EUR 32.96 miljun². Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-20 jipprovdi perspettiva pluriennali għall-programm b'dispożizzjoni għal fondi annwali aktar stabbli għall-ewwel darba. Madankollu, il-programm ta' assistenza huwa ta' natura temporanja, bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru, u r-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013³ li jistabbilixxi l-QFP jippermetti reviżjoni fil-każ li r-riunifikazzjoni tinkiseb matul il-perjodu tal-QFP. Wara d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-mexxejja Ċiprijotti Griegi u Ċiprijotti Torok fi Frar 2014, il-Kummissjoni wegħdet li żżid l-isforzi tagħha biex tgħin lill-KTC tipprepara għall-implimentazzjoni tal-*acquis*.

3. IL-MEKKANIŻMI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-programm huwa implimentat fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax il-kontroll effettiv u fejn l-applikazzjoni tal-*acquis* hija temporanjament sospiża skont il-Protokoll 10 tat-Trattat ta' Adeżjoni. L-assistenza hija implimentata primarjament permezz ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni Ewropea, iżda xi proġetti huma ġestiti indirettament mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (PŻNU) u mill-British Council.

Il-Kummissjoni topera f'kuntest politiku, legali u diplomatiku uniku. Huma meħtieġa arranġamenti *ad hoc* sabiex jiġi implimentat il-programm filwaqt li jitħarsu l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda. Fi programmi ta' assistenza ffinanzjati mill-UE, f'ċirkostanzi normali, ftehimiet ma' gvern li jibbenefika jistabbilixxu l-qafas legali tal-assistenza għall-iżvilupp. Ma jistgħu jsiru l-ebda arranġamenti bħal dawn għall-assistenza lill-KTC u l-Kummissjoni trid toqgħod fuq dak li taħseb li għandhom ikunu r-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli lokalment. Il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju inerenti huma parti mir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u fost il-miżuri adottati hemm monitoraġġ u sostenn intensiv għall-benefiċjarji, kundizzjonijiet riveduti ta' pagament, u approċċ kawt fl-użu ta' garanziji bankarji. L-assistenza tinkludi ammont sinifikanti ta' appoġġ permezz ta' għotjiet, li jirrikjedi ġestjoni intensiva fir-riżorsi.

¹ ĠU L65, 7.3.2006, p.5.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014)9366.

³ ĠU L347, 2.12.2013, p.884.

Sabiex ikun żġurat li l-implimentazzjoni tirnexxi u tkun sostenibbli f'dan l-ambjent, il-KTĊ trid tkun impenjata bis-sħiħ fil-mixja lejn l-allinjament mal-*acquis*. Il-kooperazzjoni bejn il-komunità Ċiprijotta Torka u dik Ċiprijotta Griega tibqa' meħtieġa biex jinkiseb l-għan aħħari tar-riunifikazzjoni.

It-Tim tal-Programm juża l-Uffiċċju ta' Sostenn għall-Programmi tal-UE (EUPSO) fil-parti tat-Tramuntana ta' Nikosija. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ċipru tospita wkoll laqgħat u seminars u konferenzi stampa u tikkomunika mal-pubbliku Ċiprijott fil-gżira dwar il-programm.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI MATUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

4.1. Ħarsa ġenerali

Kien mistenni progress fit-taħdidiet ta' riżoluzzjoni mnedija mill-ġdid wara dikjarazzjoni konġunta tal-mexxejja fi Frar. Il-Kummissjoni kienet lesta biex tadatta l-programm skont il-ħtiġijiet biex tiffaċilita u tiżviluppa kwalunkwe ftehim milħuq. Sfortunatament ma kienx hemm progress sostanzjali fit-taħdidiet ta' riżoluzzjoni matul il-perjodu ta' rappurtar. Il-Kummissjoni tkompli timplimenta r-Regolament dwar l-Għajnuna bl-għan ġenerali li tappoġġa r-riunifikazzjoni.

Fost l-iżviluppi importanti matul l-2014 insibu l-inawgurazzjoni ta' impjant ġdid għat-trattament tad-drenaġġ bikomunali ta' Nikosija f'Mia Milia/Haspolat. Ġew iffirmati aktar minn 50 għotja taħt tliet sejħiet għal proposti mnedija mill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat, l-iżvilupp tal-komunità u s-soċjetà ċivili. Il-programm ta' boroż ta' studju, f'idejn il-British Council għall-2014, appoġġa 115-il student.

Il-miżuri ta' bini ta' fiduċja li jappoġġaw il-protezzjoni tal-wirt kulturali u l-Kumitat dwar il-Persuni Nieqsa taw prestazzjoni akbar it-tnejn li huma. Inbeda ċiklu ġdid ta' assistenza tal-*acquis* iffinanzjat minn TAIEX li jinvolvi 60 espert mill-Istati Membri b'laqgħa preparatorja fi Brussell u għadd ta' missjonijiet f'Ċipru

Bħal fl-aħħar sentejn, saru sforzi notevoli biex jitlestew l-attivitajiet iffinanzjati minn programmi preċedenti u fl-2014 ingħalqu 225 kuntratt. Fl-aħħar tas-sena, kienu għaddejjin 264 kuntratt, meta mqabbla ma' 533 fl-aħħar tal-2011. Dan jirrifletti l-ammont kbir ta' xogħol fil-parti l-kbira kkompletat, mill-allokazzjoni kbira ħafna fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programm dwar l-Għajnuna, b'mod partikolari n-numru sostanzjali ta' għotjiet. Għalhekk il-programm ġie ssimplifikat, b'approċċ aktar iffukat u b'volum aktar maniġġabbli.

Fil-kwsitjoni problematika tal-kuntratt għall-kostruzzjoni tan-netwerk tad-drenaġġ ta' Famagusta, dan ġie tterminat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2013. Il-proċess għar-riżoluzzjoni tat-tilwima skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt iddefiniti mill-FIDIC ħela ħafna ħin u soluzzjoni bonarja ntlaħqet biss fl-aħħar tal-2014. Dan il-każ juri r-rwol importanti li l-KTĊ għandu jkollha biex tiffaċilita l-implimentazzjoni bla xkiel tal-proġetti u għar-riżoluzzjoni tat-tilwim.

It-tisrif ta' xi garanziji bankarji maħruġa lokalment kien imblukkat preċedentement. Il-miżuri meħuda mill-KTĊ fl-2013 (bidliet fit-testi legali lokali u l-ġotti unilaterali ta' status speċjali lil EUPSO) kienu meqjusa bħala suffiċjenti mill-Kummissjoni biex jipproteġu l-mekkaniżmu għat-tilwim kuntrattwali u l-garanziji bankarji. Għalhekk il-Kummissjoni setgħet tipproċedi bl-iffirmar ta' għotjiet għall-SMEs, li kienu jiddependu fuq ir-riżoluzzjoni tal-problema tal-garanzija bankarja.

Ir-riżorsi taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna jintużaw ukoll għall-appoġġ ta' attivitajiet u fl-2014 ġie ffirmat kuntratt ġdid ta' 24 xahar li jestendi d-dispożizzjoni tal-loġistika tal-uffiċċju tal-EUPSO sa Lulju 2014.

4.2. Il-progress skont l-oġettivi

L-oġettiv globali tal-Programm dwar l-Għajnuna huwa li jiffaċilita r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi jithegġegħ l-iżvilupp ekonomiku tal-KTĊ, b'enfasi partikolari fuq l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira, fuq it-titjib tal-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-UE, u fuq it-tħejjija għall-*acquis*. L-attivitajiet lejn kull oġettiv tar-Regolament dwar l-Għajnuna fl-2014 kienu:

4.2.1. Oġettiv 1: *L-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura*

L-aċċettazzjoni provviżorja parzjali wara dewmien fit-tul tat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni tan-Netwerk tal-Ġenerazzjoni l-Ġdida nġatat f'Marzu u l-migrazzjoni tal-parti tat-trażmissjoni tan-netwerk tlestiet. Madankollu l-pjan tal-KTĊ li tissepura l-provvista tas-servizzi mill-operazzjoni tan-netwerk għadu ma ġiex implimentat, u l-liberalizzazzjoni sħiħa tas-settur ma ntlaħqitx.

L-inawgurazzjoni ta' impjant ġdid għat-*trattamento tad-drenaġġ* bikomunali ta' Nikosija (WWTP) f'Mia Milia/Haspolat saret f'April. Dan huwa l-akbar WWTP fuq il-gżira kollha, li jservi liż-żewġ komunitajiet f'Nikosija. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġew implimentati permezz tal-PŻNU b'finanzjament mill-Bord tad-Drenaġġ ta' Nikosija u mill-UE. L-għan huwa li l-ilma trattat jiġi użat mill-ġdid miż-żewġ komunitajiet. L-istudji tekniċi għal dan se jibdew fl-2015, iżda x-xogħlijiet se jiġu programmati u implimentati biss ladarba jiġi kkonfermat il-ftehim dwar il-qsim tal-ilma trattat bejn iż-żewġ komunitajiet.

L-UE qed tiffaċilita wkoll diskussjonijiet dwar l-allinjament għas-sostituzzjoni ta' *kollettur prinċipali tad-drenaġġ* li se jkun imqabbad mad-WWTP ta' Mia Milia/Haspolat u jservi liż-żewġ komunitajiet f'Nikosija. Dan se jiġi ffinanzjat mill-UE.

Il-bieċa l-kbira tax-xogħlijiet ta' rimedju li għaddejjin biex jindirizzaw il-problema tal-korrużjoni u diffikultajiet oħra fl-*impjant tad-trattamento tal-ilma tad-drenaġġ* ta' Morphou/Güzelyurt ġew implimentati u ċ-ċertifikat (finali) tal-prestazzjoni huwa mistenni fl-2015. Ġiet imfassla skema għall-użu mill-ġdid tal-ilma għall-agrikoltura għal dan l-impjant u s-sejthiet għall-offerti se jsiru fl-2015.

Ix-xogħol fl-impjant il-ġdid għat-*trattamento tal-ilma tad-drenaġġ* f'Famagusta tlesta fl-2013, iżda minħabba problemi ta' korrużjoni kien meħtieġ il-kisi jew is-sostituzzjoni ta' xi komponenti matul il-perjodu ta' notifikazzjoni tad-difetti, li jkompli fl-2015.

Saret konsultazzjoni estensiva tal-partijiet ikkonċernati biex tissawwar assistenza teknika sostanzjali biex issaħħaħ il-kapaċità tal-KTĊ fis-setturi tal-ilma, tad-drenaġġ u tal-iskart. Dan għandu jiġi kkuntrattat fil-bidu tal-2015.

Fil-qasam tal-*iskart solidu*, hija meħtieġa azzjoni biex tiġi estiża l-kapaċità tal-miżbla ta' Koutsoventis/Güngör bit-tieni "ċellola", kif kien ippjanat fid-disinn tal-proġett. Dan kien previst fl-ipprogrammar tal-2014. Huwa meħtieġ involviment immirat f'dan is-settur biex jitnaqqas u eventwalment jiġi eliminat ir-rimi mhux ikkontrollat. Assistenza ulterjuri għall-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju ta' Skart Solidu, kif meħtieġ mill-*acquis* tal-UE, se tibda titwassal fl-2015.

Dwar il-*ħarsien tan-natura*, ġie ffirmat kuntratt mal-PŻNU għat-tlestija taċ-ċentri ta' informazzjoni u ta' ġestjoni f'erba' Żoni Speċjali ta' Protezzjoni Ambjentali

(SEPA). Il-kostruzzjoni ta' dawn il-binjiet twaqqfet fl-2011 wara t-terminazzjoni tal-kuntratt. L-ebda intervent ma kien possibbli sadanittant u għad hemm dubji min-naħa tal-kontropartijiet Ċiprijotti Torok, minħabba tilwim mhux riżolt mal-kuntrattur li kellhom qabel. Barra minn hekk, il-pjanijiet għandhom jirrispettaw l-ambjent u għandu jintlaħaq ftehim mal-KTĊ dwar id-dettalji tad-disinn.

4.2.2. *Objettiv 2: Il-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku*

Taħt it-tielet sejħa għal proposti (EUR 3 miljun) għall-*iżvilupp tal-komunità* ġew iffirmati 7 kuntratti ta' għotjiet. L-objettivi huma li jissaħħu l-assi tal-wirt kulturali naturali u dak intanġibbli, li jittejbu s-servizzi bażiċi għall-komunità u li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u l-governanza lokali f'żoni rurali. Minn 37 għotja mogħtija taħt l-iskemi ta' żvilupp komunitarju preċedenti, ingħalqu 13 matul l-2014, u 12 għadhom għaddejjin.

B'appoġġ għall-*kompetittività tal-SMEs*, ġew iffirmati 40 għotja biex jgħinu fil-modernizzazzjoni tal-SMEs, b'parti minnhom iddedikati għal negozji li jkunu għadhom kemm fetħu taħt sejħa ta' EUR 5 miljun. Tlesta proċess ta' identifikazzjoni tas-swieq tal-ikel ipproċessat u l-ekoturiżmu, bl-identifikazzjoni ta' prodotti niċċa potenzjali.

Ingħatat għajjnuna teknika kontinwa lil partijiet ikkonċernati fl-*iżvilupp rurali* fl-oqsma tas-saħħa tal-pjanti, id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-biedja organika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-għotjiet. Il-ġlieda kontra l-ħsara mid-dubbiena Mediterranja tal-frott lill-għelejjel taż-żebbuġ hija importanti għall-gżira kollha u l-Kummissjoni ffaċilitat kuntatti bikomunali dwar dan is-suġġett u appoġġat l-ewwel festival taż-żebbuġ bikomunali, għalkemm is-sensibbiltajiet politiċi illimitaw l-impatt ta' dan. Ġie ffirmat kuntratt ġdid fl-2014 għat-tfassil ta' sistema għar-rimi ta' prodotti sekondarji tal-annimali. Il-proċess tas-sejħiet għall-offerti dwar il-forniment ta' assistenza teknika għall-qerda tal-mard tal-annimali beda fl-2014. Dan għandu jiġi kkuntrattat fl-ewwel kwart tal-2015.

Fis-settur tal-*edukazzjoni*, l-għaxar għotjiet għall-iskejjel iffirmati fl-aħħar tal-2013 kollha għadhom għaddejjin. Din hija l-ħames skema (EUR 0.7 miljun) f'dan il-qasam u tippromwovi metodi moderni ta' tagħlim u proġetti konġunti bejn iż-żewġ komunitajiet. Ir-riżorsi għall-iskejjel huma limitati ħafna fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru u l-għotjiet tal-UE huma vitali għall-iżvilupp f'ħafna każijiet.

Wara t-tlestija tal-proġett dwar it-*taħriġ ta' edukazzjoni vokazzjonali u s-suq tax-xogħol* (VETLAM) fl-2012 u l-evalwazzjoni ta' attivitajiet tas-settur, beda l-proċess ta' sejħiet għall-offerti għal proġett ta' kontinwazzjoni (VETLAM II) li jkopri sistemi ta' żvilupp u promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u miżuri attivi għas-suq tax-xogħol.

Il-Fażi 2 tal-Programm ta' Modernizzazzjoni tal-Infrastruttura Lokali, b'baġit ta' EUR 9.8 miljun, implimentata mill-PŻNU, ġiet konkluża fl-2014. Il-programm ta' 7 snin kellu bosta komponenti, li jinkludu x-xogħlijiet għall-ftuħ tas-seba' punt ta' qsim f'Limnitis/Yeşilirmak, il-miżuri ta' sikurezza għal bini fil-punt ta' qsim ta' Ledra/Lokmaci, is-sostituzzjoni ta' pajpijiet tal-ilma tal-asbestos f'Nikosija, avvenimenti kulturali kif ukoll għotjiet ta' skala żgħira għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ambjentali f'Karpasia/Karpaz.

Fl-2008 ġiet stabbilita Unità għall-Ġestjoni tal-Proġetti (UGP) iddedikata biex tappoġġa benefiċjarji tal-għotjiet biex, pereżempju, iżżid l-effiċjenza u r-regolarità tal-implimentazzjoni u tara li ma jkunx hemm spejjeż potenzjalment ineleġibbli. Il-

kuntratt intemm f'Diċembru u l-kuntratt għal UĠP ġdida ġie ffirmat fl-aħħar tal-2014.

Il-progress ekonomiku kien immonitorjat permezz ta' Fond Fiduċjarju tal-Bank Dinji u saru rapporti speċjalizzati. Din l-attività kienet kważi lesta fl-aħħar tal-2014. Din il-ħidma hija partikolarment importanti fid-dawl tal-mandat tar-Regolament dwar l-Għajnuna li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku. Qed jitthejja kuntratt ġdid mal-Bank Dinji.

4.2.3. *Obbiettiv 3: It-trawwim tar-rikonċiljazzjoni, il-miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja, u l-appoġġ lis-soċjetà ċivili*

Il-Kumitat dwar il-Persuni Nieqsa (KPN), appoġġat permezz ta' Ftehim ta' Kontribuzzjoni mal-PŻNU, laħaq l-ogħla numru annwali ta' identifikazzjonijiet ta' persuni "nieqsa" (157) s'issa. Mit-total ta' 2001 persuna nieqsa, 948 minnhom issa ġew eżumati u 564 ġew ġenetikament identifikati u miġjuba lura lill-familji tagħhom. Il-ħidma fuq il-post issir aktar diffiċli hekk kif sorsi ta' informazzjoni ġodda issa huma skarsi u l-oqbra potenzjali li fadal huma inqas aċċessibbli. Matul l-2014, instabu fdalijiet f'17% biss tas-siti skavati, għalkemm fl-2014 ingħata aċċess għal żona oħra li qabel kienet inaċċessibbli minħabba l-preżenza militari Torka. F'Lulju, iż-żewġ mexxejja Ċiprijotti żaru l-laboratorju antropoloġiku u għamlu sejħa konġunta biex iħajru lil xhieda biex jippreżentaw informazzjoni. Il-komunikazzjoni hija parti importanti tal-ħidma tas-KPN u se tiġi pprovduta għajnuna taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna biex il-wirja li saret f'Nikosija f'April, li turi l-ħidma ta' gruppi bikomunali ta' xjenzati, iddur fpostijiet oħra f'Ċipru u lil hinn. Bejn wiehied u ieħor 70% tal-finanzjament totali tal-KPN ġie pprovdut taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna. Ftehim ta' Delega ġdid mal-PŻNU għal EUR 2.6 miljun ġie ffirmat f'Diċembru.

L-attivitajiet tal-*protezzjoni tal-Wirt Kulturali*, li jappoġġaw il-Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Wirt Kulturali, komplew bi progress tajjeb b'xogħlijiet ta' restawr kompluti fil-moskea Mustafa Pasha (li qabel kienet il-knisja Stavros) f'Famagusta, fil-banjijiet medjevali Torok (hamam) ta' Paphos u fil-knisja Agios Nicolaos f'Syrianochori/Yayla. It-tieni fażi ta' xogħlijiet fil-moskea Deneia/Denya spiċċat. L-impatt ta' dan il-proġett huwa importanti ħafna f'termini tal-bini tal-fiduċja bejn iż-żewġ komunitajiet. Ġie allokat pakkett supplimentari ta' EUR 1.3 miljun f'Lulju għal għeliem fil-belt fortifikata ta' Famagusta, jiġifieri r-restawr ta' parti tal-fortifikazzjonijiet bejn it-Torri ta' Othello u t-Torri ta' Arsenal, l-ewwel fażi ta' aċċess tal-viżitatur għar-ravellin u x-xogħol ta' konservazzjoni fil-Bastjun ta' Martinengo. F'ħafna każijiet huwa importanti li jsir intervent mill-iktar fis possibbli biex ma jkunx hemm iżjed deterjorazzjoni. Ftehim ta' Delega ġdid (fażi 3 taħt dan il-programm) kien iffirmat mal-PŻNU għal EUR 1.4 miljun f'Diċembru li jgħib it-total tal-appoġġ tal-UE sal-lum għall-protezzjoni tal-wirt kulturali għal EUR 6.7 miljun.

Għaxar għotjiet ġodda taħt ir-4 sejħa tas-Soċjetà Ċivili Ċiprijotta fl-Azzjoni (EUR 2.5 miljun) ġew iffirmati fl-2014 biex isaħħu s-soċjetà ċivili Ċiprijotta Torka u għar-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-fiduċja. Ġie promoss l-impenn favur il-ħarsien ambjentali, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-parteċipazzjoni fil-kultura u l-isport. Beda l-proċess ta' sejħiet għall-offerti għall-għoti ta' assistenza teknika lis-settur tas-soċjetà ċivili biex jikkomplementa l-appoġġ permezz ta' għotjiet.

4.2.4. *Obbiettiv 4: Il-Komunità Ċiprijotta Torka titqarreb lejn l-UE*

Is-sena akkademika 2014-15 kienet l-ewwel waħda koperta minn Ftehim ta' Delega ffirmat għal sentejn mal-British Council fl-2013 għall-ġestjoni tal-*iskema ta' boroż ta' studju* li tagħti opportunità lill-istudenti, ir-riċerkaturi u l-professjonisti Ċiprijotti

Torok biex jistudjaw fl-UE. Kien hemm xi diffikultajiet ta' implimentazzjoni fl-ewwel sena ta' din l-operazzjoni esternalizzata. Taħt din l-iskema, madankollu, ingħataw 115-il għotja fl-2014. Ingħatat attenzjoni konsiderevoli biex l-istudenti jiġu infurmati dwar l-opportunitajiet barra mir-Renju Unit sabiex titwessa' l-espożizzjoni tal-KTĊ għal kulturi Ewropej oħra. Aktar minn 20 għotja ngataw direttament mill-Kummissjoni taħt sejħa preċedenti li tkopri s-sena akkademika 2013-14.

L-ewwel proġett *Infopoint*, bl-għan li jinforma lill-pubbliku dwar il-programm ta' għajjnuna u l-politiki tal-UE u jiżdied l-għarfien ġenerali tal-UE permezz ta' seminars, gruppi ta' ħidma u avvenimenti ta' viżibbiltà, intemm fl-2013. Kuntratt ta' servizz *Infopoint* għid bl-istess mandat ġie ffirmat f'Diċembru.

4.2.5. *Obiettivi 5/6: It-tnejn biex il-komunità Ċiprijotta Torka tkun tista' ddaħħal u timplimenta l-acquis*

L-istrument tal-Kummissjoni għall-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX) jgħin biex il-KTĊ titħejja għall-implimentazzjoni tal-*acquis* wara li tkun ġiet solvuta l-problema ta' Ċipru. Fl-2014, l-assistenza kienet iffokata fuq 16-il qasam jew 'settur' ewlieni tal-*acquis*: Għażla għida ta' esperti minn Stati Membri tal-UE saret fl-2014, iżda d-dewmien sabiex jintlaħaq qbil dwar il-proċess tal-għażla mal-benefiċjarji fisser li n-numru totali ta' azzjonijiet fl-2014 (221) kien inqas milli fis-snin preċedenti. L-azzjonijiet TAIEX inkludew korsijiet ta' taħriġ, gruppi ta' ħidma, żjarat ta' studju u konsulenza minn esperti legali.

Il-preparazzjoni tal-KTĊ għall-implimentazzjoni futura tal-*acquis* għadha limitata, imxekkla minn livell li għadu baxx ta' adożzjoni ta' testi legali mmirati għall-allinjament mal-*acquis*, kapaċitajiet limitati ta' abbozzar legali u implimentazzjoni mhux kompluta. Madankollu fl-2014 ġew adottati testi legali importanti dwar l-ikel u l-għalf u dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-ħidma fuq it-testi legali kompliet u mxiet aktar malajr fl-aħħar parti tas-sena.

L-appoġġ għall-kummerċ min-naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra (ir-Regolament 866/2004) kompli. L-esperti mill-Istati Membri tal-UE wettqu spezzjonijiet fitosanitarji regolari tal-patata u l-prodotti taċ-ċitru. Esperti indipendenti għamlu wkoll lista aġġornata ta' bastimenti li jistgħu jikkummerċjalizzaw il-qabda tagħhom fuq in-naħa l-oħra tal-Linja l-Ħadra.

4.3. **Eżekuzzjoni finanzjarja (kuntratti u pagamenti)**

4.3.1. *Għoti ta' kuntratti*

L-impenji kienu ta' EUR 26.5 miljun fl-2014. Għadd ta' akkwisti, partikolarment għall-assistenza teknika se jitlestew kmieni fl-2015. Meta jitqiesu l-isforzi sostanzjali li saru f'dawn l-aħħar tliet snin għall-għeluq tal-kuntratti, ir-razzjonalizzazzjoni tal-programm u l-esternalizzazzjoni tal-azzjonijiet, ir-rata tal-impenn għandha tkompli tiżdied fl-2015 biex tilħaq ffit aktar l-ammont għall-programmi annwali.

4.3.2. *Pagamenti*

Il-pagamenti fl-2014 kienu jammontaw għal EUR 21 miljun. Huwa mistenni li t-tendenza tal-pagamenti se tkun 'il fuq hekk kif il-volum tal-impenji jiżdied.

4.4. **Monitoraġġ**

Il-Kummissjoni għandha responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proġetti (ġestjoni diretta). Il-livell ta' superviżjoni mill-persunal tal-Kummissjoni huwa għoli, bi żjarat "fuq il-post" kif ukoll laqgħat fuq il-post u kumitati ta' tmexxija. Unità għall-Ġestjoni tal-Programmi timmonitorja l-implimentazzjoni tal-għotjiet għall-iżvilupp tal-komunità, l-SMEs u l-intrapriżi rurali

u tappoġġa l-benefiċjarji tal-ġhotijiet. Il-loġistika tat-TAIEX hija monitorjata permezz tas-Sistema onlajn għall-Ġestjoni tat-TAIEX.

4.5. Awditjar u kontrolli

Twettaq ukoll awditu ex-post għal għadd ta' fajls ta' akkwist (servizzi, xogħlijiet u provvisti) iffinanzjati taħt il-Programm ta' għajjnuna. L-abbozz tar-rapport finali nħareġ fl-aħħar tal-2014. Ma ġew irrappurtati l-ebda żbalji materjali u m'hemmx azzjonijiet biex jiġu implimentati.

Sar awditu mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern fl-2013 dwar il-"Ġestjoni Konġunta" biex jiġu vvalutati s-sistemi ta' kontroll intern tad-Direttorat Ġenerali għat-Tkabir. L-ambitu ta' dan l-awditu kien jinkludi proġetti ffinanzjati taħt il-Programm dwar l-Għajjnuna. Ġew implimentati rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-kontrolli operazzjonali, il-valutazzjoni tar-riskju u l-monitoraġġ.

4.6. Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-istrument TAIEX tlestiet fl-2014 b'rakkomandazzjonijiet dwar metodi għall-iffissar ta' prioritajiet, il-kontroll tal-kwalità, id-dettalji tal-istadji importanti u r-rispett tal-kapaċità ta' assorbiment. Fis-sentejn preċedenti 2012-13 sar sforz estensiv fl-evalwazzjoni fuq livell settorjali u fil-livell tal-programmi u diġà ttieħdu azzjonijiet jew ġew integrati fil-programmazzjoni: bħalissa qed issir valutazzjoni u aġġornament tal-indikaturi għall-programm kollu kemm hu; il-konsulenti se jibdew jaħdmu fl-2015 fuq il-kapaċità tas-settur tal-ilma u l-iskart solidu kif ukoll fuq it-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; Pjanijiet ta' Azzjoni ġodda u esperti ġodda qed isaħħu l-appoġġ minn TAIEX.

L-Equipo Argentino de Antropologia Forense (EAAF), mistieden mill-KPN biex jagħmel valutazzjonijiet regolari tal-prestazzjoni, fl-2004 ppreżentat serje ta' proposti għal-ġestjoni aħjar tal-KPN

4.7. Informazzjoni, Pubbliċità u Viżibilità

Kien hemm 53 azzjoni ta' viżibilità fl-2014, notevolment l-inawgurazzjoni ta' impjant għat-trattament tad-drenaġġ bikomunali ġdid ta' Nikosija f'Mia Milia/Haspolat, ċerimonji għat-tlestija tar-restawr tal-knisja ta' Agios Nicolaos f'Syrianochori/Siryanohoro/Yayla u l-moskea ta' Deneia/ Denya u avveniment fuq skala kbira mmirat lejn familji ta' persuni nieqsa ("Infittxu l-Persuni Nieqsa Tagħna") biex jiżdied l-għarfien dwar il-ħidma tal-KPN.

Il-festival li jiċċelebra Jum l-Ewropa fil-parti tat-Tramuntana ta' Nikosija ġie organizzat flimkien mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Nikosija. Diversi stqarrijiet għall-istampa dwar l-azzjonijiet tal-programm ġew imqassma mir-Rappreżentanza bit-Tork, bil-Grieg u bl-Ingliš.

4.8. Konsultazzjonijiet mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

Saru laqgħat regolari mar-rappreżentanti tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, b'mod partikolari meta uffiċjali għolja tal-Kummissjoni żaru l-gżira. Il-Kummissjoni tkompli tiddependi fuq il-kooperazzjoni tiegħu għal verifika ta' drittijiet tal-proprjetà, u tiltaqa' wkoll regolarment mar-Rappreżentanza Permanenti fi Brussell.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tkompli tagħti assistenza lejn l-oġettiv ewlieni tar-Regolament *biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru bl-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta*, iżda r-risoluzzjoni tat-tilwima trid tinkiseb permezz ta' djalogu politiku, li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi u tappoġġa. Għalkemm fl-2014 ma sarx progress kbir f'dan il-proċess, il-Kummissjoni tinsab lesta li tibni fuq l-iżviluppi kif iseħħu u kif jiġu miftiehma miż-żewġ komunitajiet. Il-mandat mogħti taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna jibqa' validu u l-Kummissjoni kompliet il-ħidma tagħha lejn l-oġettivi speċifikati fih. Parti sinifikanti tal-assistenza tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku, direttament permezz ta' għotjiet mis-settur privat, jew indirettament permezz tal-infrastruttura, it-telekomunikazzjoni, il-kwalità tal-prodotti, l-iżvilupp tar-riżorsi umani jew permezz tat-tħejjija indispensabbli għall-implimentazzjoni tal-*acquis*.

Il-problemi operazzjonali fuq il-post jistgħu jkunu pjuttost severi f'xi oqsma minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet tal-benefiċjarji u nuqqas ta' riżorsi lokali, li jrażżnu l-parteeipazzjoni tal-KTĊ. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tirtira mix-xogħol f'ħafna oqsma li huma s-sisien tal-*acquis* u huma vitali għall-ġid ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini tal-UE.

Fir-rigward tal-istampa ġenerali tal-investimenti fl-infrastruttura, il-ġestjoni tal-kuntratti hija diffiċli u ċerti problemi jxekklu l-konsenja, l-isfruttament, il-manutenzjoni u s-sostenibbiltà tagħhom, b'tali mod li ta' spiss hija meħtieġ assistenza "wara l-konsenja". Il-kwistjoni tal-iżvilupp tal-infrastruttura madankollu tissemma' b'mod prominenti fir-Regolament dwar l-Għajnuna u hemm volum sinifikanti ta' proġetti ppjanati, b'mod partikolari relatati mal-ambjent.

L-implimentazzjoni ta' proġetti fuq skala kbira taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna bdiet fuq il-post fl-2009 u fil-ħames snin li għaddew minn dak iż-żmien 'l hawn ħarġu ħafna tagħlimiet kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-benefiċjarji. Minkejja l-ambizzjonijiet wiesgħa ħafna tar-Regolament dwar l-Għajnuna, l-approċċ konsistenti tal-Kummissjoni u l-enfasi fuq kwistjonijiet ewlenin wasslu riżultati li huma tanġibbli. Ħafna programmi ntlaqgħu tajjeb u ħallew impatt pożittiv, bħal pereżempju l-miżuri tal-bini tal-fiduċja u l-iskemi ta' għotjiet għall-benefiċċju tal-operaturi fis-settur privat, tal-iskejjel u tal-komunitajiet. L-iskema tal-boroż ta' studju, b'mod partikolari, hija milqugħa tajjeb u kisbet livell tajjeb ta' viżibbiltà.

Stħarriġ tal-*Ewrobarometru*⁴, juri livell għoli ta' fiduċja u opinjoni pożittiva tal-KTĊ lejn l-UE, bi standards usa' tal-UE. Iż-żamma tal-viżibbiltà tal-UE u l-komunikazzjoni mal-KTĊ bħala ċittadini tal-UE hija xprun importanti għall-proċess globali tar-risoluzzjoni tat-tilwima.

⁴

http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/eb_arch_en.htm